**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 7 ta' Jannar, 2025

Rikors Ġuramentat: 60/22 AL

**A B**

**vs.**

**Dr Victor Bugeja u l-PL Quentin Tanti appuntati b'digriet tas-7 ta' April 2022 sabiex jirrappreżentaw lill-assenti C D E**

(Att taż-Żwieġ bin-numru 1647/2016)

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur[1] preżentat fis-17 ta' Marzu 2022 li bih ppremetta illi:

*1. ILLI l-partijiet zzewgu nhar it-tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013), liema zwieg bejn il-kontendenti gie ccelbrat f'Larnaca Cipru skont*

[1] Fol. 1.

*il-formalitajiet mitluba minn dan il-pajjiz u sussegwentament rregistrat hawn Malta kif jidher fic-certifikat anness ma' din it-talba u mmarkata bhala Dokument A;*

*2. ILLI sitt xhur mid-data taz-zwieg l-intimata abbandunat id-dar matrimonjali;*

*3. ILLI l-kontendenti ilhom separati de facto ghal iktar minn hames (5) snin u konsegwentement ilhom ma jgħixu flimkien ghal perjodu t'aktar minn erbgha (4) snin fl-ahhar hames snin mid-data li fih qed jinghataw bidu ghall-proceduri ta' dan id- divorzju;*

*4. ILLI miz-zwieg taghhom ma kienu twieldu l-ebda ulied u m'ghandhom l-ebda propjeta/assi li jappartjenu lilhom it-tnejn flimkien;*

*5. ILLI m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn l-istess mizzewgin;*

*6. ILLI r-rikorrent jixtieq jipprocedi ghall-divorzju u mhux qed jinsisti ghall-manteniment;*

*7. ILLI m'hemm xejn fil-kommunjoni tal-akkwisti tal-partijiet x'jigi diviz bejniethom;*

*8. Illi l-fatti hawn fuq esposti jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*9. ILLI XX il-qorti laqghet it-talba tar-rikorrent u permezz ta' digriet numru XX hatret lil dak il-kuratur li jmiss lilu skont it-turn;*

*10. Illi r-rikorrent jikkonferma li qabel ma nbdew il-proċeduri skont l-artikolu 66B tal-kapitalu sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta, l-avukat li qed jippatroncinja l-kaz tieghu ddiskuta mieghu l-possibilita' ta' rikonciljazzjoni u qallu bil-fakultà ta' separazzjoni aktar qabel u peress li m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni ta' bejn personali bħala alternattiva għad-divorzju imma r-rikorrent tenut kont ta' dak li intqal l-*

*istess mizewgin huwa qed isotni li bir-rispett kollu z-zwieg taghhom għandu jigi ta' Malta;*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. Tiddikjara li z-zwieg bejn A B u C D E [K.I. Nru. 0225213 L) jigi dikjarat mahlul;*

*2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati, sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai terminu tal-Ligi;*

*3. Tiddikjara li l-intimata C D E hija unikament hatja ghall-firda tal-kontendenti ai termini tar-ragunijiet stipulati fl-Artikolu 41 tal-Kapitolu 16 tal-Ligiijiet ta' Malta;*

*4. Tapplika kontra l-intimata d-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:*

*5. Tiddikjara li l-intimata ddekadiet minn kwalsiasi dritt li talvolta seta' ikollha sabiex titlob u/jew tottjeni l-hlas ta' manteniment minghand ir-rikorrenti u dan ghal ragunijiet validi u accettati fil-Ligi;*

*6. Taghti dawk il-provvedimenti u l-ordnijiet l-ohra kollha li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat is-sentenza tal-11 t’April 2024 fejn din il-Qorti laqgħet it-talba tal-attur kif dedotta fir-rikors tas-26 ta’ Jannar 2024 sabiex tiġi miżjuda t-talba segwenti fir-rikors ġuramentat tiegħu:

*“Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u, billi wkoll tigi stabbilita` data minn meta l-konvenuta titqies li ddekadiet minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tar-rikorrent, u dan kollu okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi u bin-nomina ta' nutar sabiex jippubblika l-att opportun u ta' kuratur biex jirrapprezenta lill-konvenuta fl-*

*eventwali kontumacja fuq kwalsiasi konvenju u att sussegwenti għall-istess xoljiment;"*

Filwaqt li ordnat illi jitneħħa punt sebgħa (7) mill-premessi fir-rikors ġuramentat;

Rat kopja tar-rikors ġuramentat li bih l-attur talab il-Qorti tappunta medjatur sabiex ikun awtorizzat imexxi b'kawża għall-ħall taż-żwieġ u r-rikors maħluf preżentat kontestwalment li fih iddikjara li l-istess rikors qed jiġi maħluf *stante* li huwa ma jafx fejn hi martu u m'għandu ebda kuntatt magħha;

Rat id-digriet tad-19 ta' Jannar 2022 fejn ġiet dikjarata magħluqa l-medjazzjoni u fejn il-Qorti awtorizzat lill-attur jipproċedi b'rikors ġuramentat skond l-Artikolu 930 tal-Kap 12.

Rat ir-rikors tas-17 ta' Marzu 2022[2] fejn l-attur jgħid li in vista tal-fatt illi l-konvenuta abbandunat il-pajjiż fl-2014 u qatgħet kull kuntatt miegħu, huwa jitlob illi jinħatru kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-interessi tagħha;

Rat id-digriet tas-7 t'April 2022[3] li bih il-Qorti nnominat lill-Avukat Dr Victor Bugeja u lill-Prokuratur Legali Quentin Tanti bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-konvenuta assenti;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kuraturi Deputati li huma ntavolaw fil-5 ta' Mejju 2022[4] fejn issottomettew li huma ma humiex edotti mill-fatti tal-każ;

Rat il-verbal tal-1 ta' Ġunju 2022[5] li bih il-Qorti ħatret lil Dr Abigail Critien bħala assistent ġudizzjarju bis-soliti poteri u fakoltajiet u d-digriet tat-3 ta' Jannar 2023[6] fejn il-Qorti issostitwiet lil Dr Critien b'Dr Maria Dolores Gauci bl-istess fakoltajiet minħabba li Dr Critien ġiet elevata għall-ġudikatura;

---

[2] Fol. 8.
[3] Fol. 6.
[4] Fol. 15.
[5] Fol. 19.
[6] Fol. 45.

Rat il-verbal tal-11 ta' April 2024[7] f'liem seduta l-Qorti irrevokat l-inkarigu tal-assistent ġudizzjarju Dr Maria Dolores Gauci li rtirat u ssostiwietha b'Dr Sean Apap Meli bl-istess inkarigu u fakoltajiet;

Rat il-verbali kollha u x-xhieda mressqa mill-attur;

Rat l-atti kollha proċesswali;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;[8]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qiegħed jitlob lil din il-Qorti tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejnu u martu C D E liema żwieġ ġie ċċelebrat fit-3 ta' Lulju 2023 ġewwa Larnaca Ċipru u sussegwentement reġistrat Malta. Huwa jitlob ukoll li l-Qorti tiddikjara illi martu hija unikament ħatja tal-firda u sabiex kontriha jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kap 16. Magħdud ma' dan l-attur jitlob ukoll li tiġi xolta, terminata u diviża l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

Il-Kuraturi Deputati appuntati biex jirrapreżentaw lil mart l-attur jiddikjaraw li ma humiex edotti mill-fatti.

**2. Ir-Responsabbilità għat-tkissir taż-żwieġ:**

*<u>Il-Verżjoni tal-Attur u l-allegati tortijiet attribwiti lill-Konvenuta:</u>*

---

[7] Fol. 442.

[8] Verbal tad-19 ta' Ġunju 2024.

L-attur jixhed permezz ta' affidavit intavolat b'nota tas-26 ta' Jannar 2023[9] fejn jgħid li huwa żżewweġ lill-konvenuta fit-3 ta' Lulju 2013 ġewwa Larnaca, Ċipru u sussegwentement iż-żwieġ ġie reġistrat Malta. Jgħid li ġew joqgħodu għand il-ġenituri tiegħu iżda martu u ommu kienu ta' spiss jargumentaw u għalhekk marru joqgħodu għand in-nanniet tiegħu u eventwalment bdew jikru post il-Ħamrun.

Jgħid li hu qatt ma kellu ċwievet tal-post għaliex martu kienet qaltlu li ma kellux għalfejn jagħmel kopja peress li hi ma kinitx taħdem u għalhekk kienet tkun id-dar meta jirritorna mix-xogħol. Madanakollu ġurnata minnhom fl-2014 irritorna d-dar u sab li martu kienet tefgħetlu l-ħwejjeġ personali tiegħu barra u ma setgħax jidħol għaliex ma kellux ċwievet. Hu rritorna għand in-nanniet tiegħu u ma kellux mezz kif jikkomunika magħha għaliex dak iż-żmien ma kellhomx mobile u telephone d-dar. Jgħid li kien baqa' jmur iħabbat id-dar iżda ma sabhiex. Jgħid li wara li għadda ftit żmien il-kollegi tiegħu tax-xogħol kienu qalulu li l-konvenuta kienet marret tfittxu fuq il-post tax-xogħol iżda hu ma kienx hemm. Qatt wara ma jaf li reġgħet marret tfittxu għalkemm kienet taf li l-unika post fejn hu seta' jmur joqgħod kien għand in-nanniet tiegħu.

Jgħid li martu sabet mezz kif ixxerred qlajjiet fuqu fuq il-media soċjali u permezz ta' *emails* lill-kollegi tiegħu tax-xogħol fejn kienet tallega li kien isawwatha u li kien infidil lejha. Il-kollegi tiegħu ma kkomunikawx magħha iżda kienu jgħidulu b'dawn l-*emails*. Jgħid li għalkemm ipprova jiftaħ medjazzjoni fl-2014, 2015 u 2021 hija attendiet seduta waħda biss ta' medjazzjoni u jgħid li hu ma kienx sorpriż li ma kinitx kapaċi tikkommetti għaliex kien minħabba nuqqas ta' impenn li jgħid li ż-żwieġ tagħhom ma setax jirnexxi.

*Sabiex jikkorrabora l-verżjoni tiegħu, l-attur iressaq is-segwenti provi:*

1. <u>*Ix-xhieda ta' Ermelinda B ossia n-nanna tal-attur li tixhed permezz ta' affidavit intavolat b'nota fil-21 ta' Frar 2024*</u>[10] fejn tgħid li n-neputi tagħha żżewweġ barra minn Malta mingħajr ma

[9] Fol. 28.
[10] Fol. 411.

hi kienet taf iżda meta ġie lura ma' martu xorta laqgħethom b'idejha miftuħa. Tgħid li fil-bidu l-partijiet għamlu żmien joqgħodu magħha u mar-raġel tagħha, in-nannu tal-attur, sakemm wara ftit ġimgħat telqu minn magħhom u ma semgħet xejn mingħandhom għal xhur sħaħ u kienet inkwetata għalihom. Wara ftit xhur tgħid li marru lura għaliex ma kellhomx fejn joqgħodu u ma kellhomx flus biex jikru u għalkemm tgħid li kienet dispjaċuta għal mod kif għamlulha, tgħid li xorta kienet laqgħethom lura.

Tgħid li hi u r-raġel tagħha kienu jgħinuhom, jagħtuhom x'jieklu u anke selfuhom xi flus avolja huma kienu biss bil-pensjoni. Kienu wkoll għinuhom japplikaw għall-benefiċċji soċjali. Tgħid li mbagħad ftit tal-ġimgħat wara n-neputi rnexxielu jsib xogħol iżda martu ma kienet tagħmel l-ebda sforz fiż-żwieġ u kienet tgħaddi l-ġurnata fil-kamra tas-sodda tara t-televixin jew titlaq 'il barra. Tgħid li hi kienet tipprova tinkoraġġiha ssib xogħol imma ma kinitx tkun trid tindaħal ħafna. Bdiet imbagħad tinkoraġġixxi lin-neputi jsibu post u fil-fatt wara ftit tgħid li l-attur sab post il-Ħamrun u ħadu ħwejjiġhom hemm. Tgħid li dan kien pass diffiċli ħafna għaliha għax kienet drat lin-neputi jgħix magħha iżda tgħid li ħasset li kien pass bżonnjuż biex il-konvenuta forsi tibda tagħmel ftit sforzi fiż-żwieġ.

Tgħid iżda li s-sitwazzjoni ma tantx damet kalma għaliex wara madwar xahrejn biss għas-sitta ta' filgħaxija kien ċemplilha l-attur u qalilha li martu kienet tefgħetlu ħwejġu barra u wara madwar siegħa jħabbat din ma fetħitlux. Tgħid li hu ma kellux ċavetta għaliex il-konvenuta kienet qaltlu li m'għandux bżonn peress li hi kienet tkun id-dar. Tgħid li qalet lil żewġha u mar jiġbru għandhom. Tgħid li l-konvenuta ma reġgħetx ikkomunikat mal-attur jew magħhom minn dakinahar u sa fejn jafu huma lanqas baqgħet Malta.

Min-naħa l-oħra l-Kuraturi Deputati ma jġibu l-ebda prova.

_Il-Prinċipji legali u applikazzjoni tagħhom għall-każ odjern:_

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentement jiġu applikati għall-każ odjern.

Il-Qorti tibda biex tagħmel referenza għas-Sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Susan Armeni vs Leonard Armeni**[11], fejn il-Qorti tgħid dwar iż-żwieġ illi: "*25. Din il-Qorti tosserva li z-zwieg huwa intiz sabiex il-partijiet jizviluppaw bejniethom komunjoni ta' hajja u ta' imhabba kemm lejn xulxin kif ukoll lejn it-tfal taghhom u l-konjugi ghandhom jagixxu fl-interess tal-familja li ghandha tkun l-ewwel prijorita` fiz-zwieg.*"

F'każ illi tali żwieġ ma jirnexxix għal raġuni jew oħra l-Artikolu 66A(1) jistipula illi:

*Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza"*

Iżda f'dan l-isfond il-liġi nostrana titlob illi l-azzjoni tiġi preċeduta minn medjazzjoni. Tgħallem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Pisani vs Maria Pisani**[12]

*"18. Fil-qafas tal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, jassumi relevanza wkoll ir-rekwizit tal-procedura tal-medjazzjoni skont l-Artikolu 66I[1] u r-regolament 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.20, f'kazijiet fejn il-mizzewgin iridu jipprocedu ghal divorzju meta ma jkunux ghadhom separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-Qorti. L-iskop tal-medjazzjoni f'dan il-kaz jinsab fl-assistenza li taghti lill-partijiet li jkunu ghadhom mhux separati de iure biex jilhqu qbil dwar l-aspetti relevanti ghall-hall taz-zwieg fosthom "id-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taht amministrazzjoni separata" . In propositu huwa appuntu biex jilqa' ghal dawk il-kazijiet fejn dan il-qbil ma jintlahaqx bis-sahha tal-medjazzjoni, illi l-legislatur jesigi li fejn il-komunjoni tal-akkwisti ma tkunx ghadha waqfet, irid ikun hemm il-qbil tan-naha l-ohra biex il-komunjoni*

[11] Deċiża fit-30 Ottubru 2015.
[12] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fis- 26 ta' Jannar 2018 (Rik. Nru. 156/14 RGM)

*tista' tieqaf minghajr ma tigi wkoll likwidata. Inkella din trid tigi wkoll likwidata."*

Il-kundizzjonijiet għall-ksib tad-divorzju huma s-segwenti elenkati f'Artikolu 66B tal-Kap 16:

*"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn. konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi."*

Partikolarment għall-każijiet fejn il-partijiet ma jkunux separati b'kuntratt jew sentenza l-Artikolu 66D jgħid:

*"3) Fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, il-persuna miżżewġa li tkun qed tagħmel it-talba għad-divorzju, flimkien ma l-istess talba, tista' tressaq it-talbiet kollha illi huma maħsuba illi jistgħu jsiru f'kawża ta' separazzjoni skont is-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu. Il-qorti għandha tisma' u tiddisponi minn dawn it-talbiet kif maħsub fid-dispożizzjonijiet imsemmija mutatis mutandis. Il-parti l-oħra tista' tressaq b'żieda għall-eċċezzjonijiet imsemmija fl-aħħar subartikolu, l-eċċezzjonijiet kollha illi dik il-parti setgħet tressaq f'kawża ta' separazzjoni.*

*(4) Fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, il-qorti jkollha mutatis mutandis is-setgħat mogħtija lilha fis-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu għal dak illi jirrigwarda l-ordnijiet illi jkollha s-setgħa tagħti pendente lite."*

U

*66E. Mingħajr ħsara għal dak provdut fid-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan is-Sub-Titolu, fejn il-qorti, fuq talba ta' waħda mill-partijiet issib illi l-parti l-oħra kienet ħatja li ġabet it-tifrik taż-żwieġ għar-raġunijiet maħsuba fl-artikoli 38, 40 u 41, il-qorti tista' tapplika mutatis mutandis kontra dik il-parti dak maħsub fl-artikolu 48.*

Artikolu 66 G imbagħad iniżżel id-dmirijiet tal-avukat li jkun qed jippatroċinja lir-rikorrenti f'kawża ta' divorzju u 66H id-dmirijiet tal-avukat tal-intimat.

Artikolu 41 tal-Kap 16 jgħid kif ġej dwar ir-raġuni għalfejn parti fiż-żwieġ tista' titlob il-firda:

*"Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba."*

L-attur jaddebita lill-konvenuta l-ħtija tas-separazzjoni minħabba abbandun min-naħa tagħha wara li jgħid li ilu mill-2014 mhux f'kuntatt mal-konvenuta għaliex abbandunatu s-sena ta' wara li żżewwġu u ma jafx fejn qiegħda għaliex hija ma kkomunikat qatt iktar miegħu. Hawn issir referenza għall-kawża fl-ismijiet Josephine **C Edwards vs Avukat Dr Joseph Xuereb *noe***[13] fejn il-Qorti sostniet illi:- "*Skont l-artikolu 48 (illum 41) jikkostitwixxi ġusta kawża għas-separazzjoni l-abbandun ta' parti lill-oħra mingħajr raġuni tajba jekk idum għal sentejn jew iżjed...*" u "*Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun ingust fiz-zmien tieghu kollu ta' sentejn, u jekk l-abbandun fil-fatt ma jikkostitwix l-abbandun li trid il-ligi bhala motiv ta' separazzjoni, lanqas ma jista' jigi inkwadrat fil-figura ingurja gravi, ghax b'dan il-mod ikun qieghed jitqies bhala motiv ta' separazzjoni minghajr irrekwizit zmien li l-ligi tirrikjedi ghall-abbandun*."

Fil-kawża **Andrea Avellino vs Regina Avellino**[14], insibu tifsira ċara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal: "*Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se mai jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċioe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva.*"

Għalhekk dan l-aggravju jirrikjedi li jiġu ppruvati ċerti kundizzjonijiet. It-terminu sabiex l-abbandun jista' jiġi kkonfermat huwa ta' sentejn iżda mhux biss – l-intenzjoni trid tkun ċara li ma hemmx ħsieb ta' ritorn u li hemm il-*voglia* li dak li jkun jabbanduna ż-żwieġ.

---

[13] Deċiża mill-Prim 'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-22 ta' Frar, 1961.
[14] Deċiża mill-Prim 'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-16 ta' Diċembru, 1949.

*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern*:

Il-Qorti, wara li rat illi l-provi fuq ir-responsabbilità għat-tkissir taż-żwieġ huma ferm skarsi, għaliex l-uniċi provi li ġew mressqa huma l-affidavit tal-attur u l-affidavit ta' nanntu, madanakollu u ġaladarba l-verżjoni tal-attur ma ġiet bl-ebda mod kontradetta, ma għandha l-ebda raġuni sabiex ma temminx lill-istess attur u *ċioé* illi l-konvenuta abbandunat lil żewġha ħabta u sabta wara ftit xhur taż-żwieġ.

Il-Qorti ftit għandha dettalji dwar in-natura tar-relazzjoni tal-partijiet fiż-żwieġ ħlief dak li tgħid proprju n-nanna tal-attur u li l-Qorti tħoss li dak li tgħid huwa ferm kredibbli. Din l-anzjana kellha joqgħod magħha n-neputi tagħha li tant kienet tgħożż. L-għożża toħroġ mill-fatt li darbtejn iddiżappuntaha u darbtejn laqgħetu lura fi ħdana, l-ewwel meta żżewweġ u ma qalilhiex u mbagħad meta telaq mingħandha l-ewwel darba u ma semgħetx mingħandu għal xhur sħaħ. Madanakollu reġgħet laqgħet lilu u lil mara tiegħu għandha u tathom is-support li kellhom bżonn. Iżda mbagħad ta' anzjana matura li kienet rat li għalkemm ser tkun weġgħa li n-neputi tagħha ma jibqax joqgħod magħha wara li dratu f'dahra, kien ikun siewi li kieku l-partijiet jfittxu post għalihom anke sabiex il-konvenuta tibda tieħu fuqha r-responsabbilitajiet taż-żwieġ. Fil-fatt hija tgħid li l-konvenuta, milli kienet tara hi stess, ma kellhiex ħeġġa għal dan iż-żwieġ u kienet biss tqatta' l-ħin f'kamritha tara t-TV jew tiġri l-barra. Fil-fatt jirriżulta mix-xhieda tar-rappreżentat tal-Jobsplus[15] li hija qatt ma rreġistrat għax-xogħol hawn Malta. Hija għalhekk ittamat li jekk isibu post għalihom, il-konvenuta kien ser ikollha tmidd idejha, "*xxammar il-kmiem u taghmel ftit sforz ghal dan iz-zwieg*."[16]

Madanakollu li ġara kien li mhux talli l-konvenuta ma xammritx il-kmiem u bdiet tieħu ż-żwieġ bis-serjetà, talli wara ftit xhur, l-attur spiċċa barra t-triq għaliex il-konvenuta keċċietu mill-post li kienu qed jikru flimkien. Wara dan, l-attur jgħid li kien imur iħabbtilha d-dar iżda qatt ma fetħitlu u għalkemm hija kienet taf li l-unika post fejn jista' jkun huwa man-nanniet tiegħu hija qatt ma kkuntatjatu hemm. L-unika kuntatt jgħid li kien ma' sħabu tax-xogħol fejn kienet tibgħatilhom *emails* biex tagħmillu ħsara.

---

[15] Seduta tal-25 ta' Jannar 2024 a fol. 404.

[16] Fol. 412.

Ma ġewx preżentati kopji ta' dawn l-*emails*. Jidher li mbagħad kienet hi stess li f'Awwissu tal-2014 fetħet proċeduri ta' medjazzjoni għal separazzjoni, iżda jidher li l-konvenuta attendiet biss seduta waħda u mbagħad l-attur kellu jmexxi waħdu kontriha għaliex qatgħet kull kuntatt u fil-fatt jiġi nnutat illi l-attur fetaħ medjazzjoni ġdida fl-2015 (Medjazzjoni Nru. 1318/15) u oħra fl-2021 (Medjazzjoni Nru. 3354/21) fejn il-konvenuta ma dehritx.

Il-Qorti tara li l-elementi li jimmilitaw abbandun skont l-Artikolu 41 huwa li l-abbandun ikun ta' iktar minn sentejn, fejn f'dan il-każ l-abbandun jidher li beda fl-2014 u li dan sar mingħajr raġuni valida. Ma hi ċara xejn x'kienet ir-raġuni hawnhekk illi l-konvenuta kellha tabbanduna ż-żwieġ. Jekk kien hemm diżgwid bejn il-konjuġi, dan ma jirriżultax mill-provi. Li jirriżulta biss huwa li l-konvenuta, anke minn dak li xehdet in-nanna tal-attur, qatt ma kienet ħadmet għal dan iż-żwieġ u ma kinitx turi ħeġġa biex jibnu futur sod bejniethom u għalhekk hija donna li fl-ebda moment ma ħadet fuqha r-responsabbilitajiet taż-żwieġ.

Il-Qorti għalhekk hija konvinta sal-grad rikjest mill-liġi li l-konvenuta kienet ħatja tat-tkissir taż-żwieġ minħabba abbandun fejn għalkemm f'dan il każ ma għandniex l-elementi klassiċi tal-abbandun u *ċioé* li wieħed jabbanduna d-dar matrimonjali *per se*, f'dan il-każ il-konvenuta tefgħet lill-attur il-barra mid-dar u abbandunat iż-żwieġ tagħhom tant li qatgħet kull kuntatt mal-attur u familtu. Fil-fatt jixhed ukoll rappreżentant mir-Reġistru Elettorali[17] li jgħid li l-konvenuta għamlet applikazzjoni magħhom u tidher bħala ċittadina Maltija għalkemm mhux imwielda Malta, iżda din l-applikazzjoni ma segwithiex u fil-fatt ir-rappreżentant jippreżenta kopji tar-*reminders* li kienu jibgħatu lill-konvenuta u li din baqgħet qatt ma reġgħet kellmithom u kellhom informazzjoni li qiegħda l-Awstralja.

L-attur jitlob il-ħall taż-żwieġ u għalhekk il-Qorti trid tara li l-elementi neċessarji li tilob il-liġi biex jiġi dikjarat il-ħall ta' żwieġ huma preżenti.

F'dan il-każ l-attur ippreżenta rikors fejn ġie awtorizzat jipproċedi b'kawża għall-ħall ta' żwieġ u xoljiment tal-komunjoni mingħajr medjazzjoni

[17] Seduta tat-22 ta' Marzu 2024 a fol. 417.

minħabba li l-konvenuta hija assenti u għalhekk issodisfa dak li jitlob ir-regolament 4 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 12.20, f'każijiet fejn il-miżżewwġin iridu jipproċedu għal divorzju meta ma jkunux għadhom separati b'kuntratt jew sentenza tal-Qorti bħal f'dan il-każ. L-attur jissodisfa wkoll l-obbligi li l-liġi ssemmi fl-Artikolu 66G li jispeċifika x'inhuma d-dmirijiet tal-avukat li jkun qed jippatroċinja lir-rikorrenti, permezz ta' dikjarazzjoni li jagħmel fir-rikors ġuramentat tiegħu fejn jgħid li l-avukat tiegħu spjegalu dak li jitlob l-Artikolu 66G.

L-Artikolu 66B kif applikabbli għal dan il-każ jitlob illi:

(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew

(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u

F'dan il-każ l-attur proċeda b'din l-azzjoni waħdu u l-partijiet kienu ilhom mill-2014 ma jgħixux flimkien u għalhekk ir-rekwiżit (a) huwa sodisfatt.

(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u

(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:

F'dan il-każ ma jidhirx li hemm l-ebda prospett ta' rikonċiljazzjoni fejn il-konvenuta lanqas biss ipprovat iżżomm xi tip ta' kuntatt mal-attur u lanqas instabet għal din il-kawża fejn saħansitra l-attur lanqas jaf f'liema parti tad-dinja tinsab. F'dan il-każ il-partijiet ma kellhomx ulied u l-partijiet ma kienux separati u għalhekk ma kienux jirċievu manteniment mingħand xulxin u ma hemm l-ebda talba f'dan is-sens.

F'dan il-każ l-attur jitlob lill-Qorti sabiex tapplika kontra l-konvenuta d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 48 tal-Kap 16 li jistipula kif ġej:

*"(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –*

*(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;*
*(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;*
*(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;*
*(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ."*

Il-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taz-zwieġ *ai termini* tal-Artikolu 48 tal-Kap 16. F'dan il-każ il-konvenuta instabet ħatja ta' abbandun u għalhekk il-Qorti hija kostretta tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 fl-intier tagħhom kontra tagħha, kif anke jitlob l-attur.

3. **It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali:**

*<u>Bidu tal-Komunjoni tal-Akkwisti</u>*

Il-Qorti tirrileva illi l-partijiet iżżewġu ġewwa Larnaca, Ċipru, fit-3 ta' Lulju 2013, iżda il-partijiet ġew jgħixu Malta mill-ewwel, u rreġistraw iż-żwieġ tagħhom ġewwa Malta. Għaldaqstant u *ai termini* tal-Artikolu 1316 subinċiz 2 tal-Kap 16, bejn il-partijiet kien jirrenja r-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti fir-rigward ta' dawk il-beni li huma akkwistaw wara l-wasla tagħhom f'Malta li kien fil-prattika mill-bidu taż-żwieġ tagħhom.

Fid-dawl ta' dan, il-Qorti hija tal-fehma li d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet hija d-data taż-żwieġ tagħhom, ossija it-3 ta' Lulju 2013, hekk kif huma rritornaw Malta dritt wara.

*Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

*Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti, il-Likwidazzjoni, id-Divizjoni u l-Assenjazzjoni tagħhom, u Elenku ta' dak kollu li huwa Parafernali tal-Partijiet u l-Assenjazzjoni tal-Istess*

i. Kontijiet tal-Bank:

   a. Kont tat-tip Savings mal-Bank BOV[18], f'isem l-attur bin-numru 40012121225 li nfetaħ f'Novembru 2022 u għadu attiv;

   b. Kont tat-tip Savings mal-Bank BOV[19], f'isem l-attur bin-numru 40021714911 li nfetaħ f'Ġunju 2013 u ngħalaq f'Settembru 2023;

   c. Credit Card Account mal-Bank BOV[20], f'isem l-attur bin-numru 4042810000767180 liema credit card ħarġet fl-2016 u ġiet replaced b'credit card oħra bin-numru 4042810016129011 li għadha attiva[21];

   d. Student account mal-Bank HSBC[22], f'isem l-attur bin-numru 087099065050 li ngħalaq fit-8 ta' Frar 2021;

ii. Vettura tal-marka Toyota Vitz bin-numru tar-reġistrazzjoni CBT371 li jirriżulta li nxtrat mill-attur fl-2019 u

iii. Mutur tal-marka Honda bin-numru tar-reġistrazzjoni BBZ279 li jirriżulta li nxtara mill-attur fl-2012;

[18] Xhieda tar-rappreżentanta tal-Bank BOV fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2024 a fol. 59.
[19] Xhieda tar-rappreżentanta tal-Bank BOV fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2024 a fol. 338.
[20] Xhieda tar-rappreżentanta tal-Bank BOV fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2024 a fol. 165.
[21] Xhieda tar-rappreżentanta tal-Bank BOV fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2024 a fol. 260.
[22] Xhieda tar-rappreżentanta tal-Bank HSBC fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2024 a fol. 351.

Din il-Qorti tqis għalhekk illi kwalunkwe faċilitajiet bankarji jew kont bankarju meħud mill-attur għandu jiġi assenjat lilu u dan wara li l-konvenuta nstabet ħatja għat-tkissir taż-żwieġ u ġew applikati kontriha l-effetti tal-Artikolu 48 tal-Kap 16.

L-attur għandu jiġi assenjat il-vettura u l-mutur li għandu reġistrati fuq ismu *stante* li jirriżulta li l-mutur tat-tip Honda inxtara qabel iż-żwieġ u għalhekk huwa parafernali tiegħu u l-vettura tat-Tip Toyota Vitz inxtrat fl-2019, snin wara li l-konvenuta abbandunat iż-żwieġ.

Assi parafernali oħra jibqgħu jappartjenu lil konjuġi f'ismu jew isimha. Illi di piu, din il-Qorti tordna illi fl-eventwalità li parti jew oħra għamlet jew daħlet għal xi djun jew krediti oħra, anke jekk fiż-żwieġ, dik il-parti li tkun daħlet f'dana l-obbligu għandha b'mod esklussiv tagħmel tajjeb hi għal dan id-dejn, krediti u/jew obbligu.

**Deċide:**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

*2.* Tilqa' t-tieni talba u tordna lir-Registratur Qrati Ċivili u Tribunali sabiex fi żmien għaxart (10) ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

*3.* Tilqa' t-tielet talba u tiddikjara li l-konvenuta C D E hija unikament ħatja tal-firda *ai termini* tal-Artikolu 41 tal-Kap 16;

*4.* Tilqa' r-raba' talba u tapplika kontra l-konvenuta d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kap 16;

5. B'konsegwenza tar-raba' talba li ġiet milqugħa, tilqa' l-ħames talba u tiddikjara li l-konvenuta iddekadiet minn kwalsiasi dritt ta' manteniment mingħand l-attur u lanqas m'għandha teżerċita xi drittijiet ta' suċċessjoni hekk skond l-Artikolu 48;

6. Tilqa' s-seba' talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti u tillikwida u tiddividi tali skont il-provvedimenti tat-tielet (3) parti ta' din is-Sentenza u ċioé *"**It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali**".*

L-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom ikunu a karigu tal-konvenuta.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.